# M I N U T I

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 45**

18 ta' April 2018

Il-Kunsill Lokali Floriana ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 15 Pjazza Emanuel S Tonna, il-Furjana, fil-5.00 ta' filgħaxija.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sinjorina Davina Sammut Hili | ( DSH ) | Sindku |
| Is-Sur Vince Borg | ( VB ) | V/Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Grech Sant | (AGS) | Kunsillier |
| Is-Sur Albert Demarco | ( AD ) | Kunsillier |

SKUŻAT:-

0

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI :-

M' Lourdes Lautier Segretarju Eżekuttiv

Il-Kunsillier JAE xtaq li qabel tibda' l-laqgħa, jawgura lill-Floriana Ajax tar-rebħa tagħhom fil-4-a-side tal-kampjonat tad-darts. Is-Sindku DSH awgurat ukoll lill-Floriana Nursery għar-rebħ fit-turnament. Il-Kunsill ingħaqad magħhom u awgura lil dawn il-klabbs għas-suċċess tagħhom.

## MINUTI

### 45.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI;

45.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

### 45.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

45.2.1. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tat-tlieta u erbgħin (43) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

45.2.2. Is-Sindku qalet li l-minuti kienu ġew riveduti u l-korrezzjonijiet proposti kienu qed jiġu annessi mal-minuti ta' din il-laqgħa. Il-Kunsill qabel.

45.2.3. Il-Kunsillier AD ressaq mozzjoni issekondata mill-Viċi Sindku VB favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (AD, VB, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

45.2.4. Ġie dikjarat li l-minuti tal-laqgħa 43 li nżammet fi Frar ma kienux ġew *uploaded* fuq is-sit tal-Kunsill minħabba li kienu ser ikunu approvati matul il-laqgħa ta' dakinhar.

45.2.5. Is-Sindku DSH ressqet il-minuti tal-erbgħin u erbgħin (44) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

45.2.6. Il-Viċi Sindku VB ressaq mozzjoni issekondata mill-Kunsillier AD favur l-approvazzjoni tal-minuti imsemmija. Ittieħed vot bir-riżultat ikun:

Favur: 5 (VB, AD, DSH, JAE, AGS)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

45.2.7. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-materja nru 44.11.10 u staqsa jekk il-Kunsill kienx irċieva risposta mill-Ministru Owen Bonnici dwar il-Fosos. Is-SE wieġbet li sa dakinhar ma kienx għad hemm risposta u qalet li għandha terġa tibgħat tfakkira.

### 45.3 KOMUNIKAZZJONIJIET MIS-SINDKU

45.3.1. Is-Sindku DSH għamlet riferenza għall-materja tal-konfini tal-Floriana. Hija nformat li kellha laqgħa mal-Kummissjoni Elettorali fejn ġiet informata li kellu jinħatar bord sabiex jiddiskuti l-proposta mressqa mill-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-konfini.

45.3.1.1. Is-Sindku qalet li l-Kummissjoni Elettorali kienet ikkonfermat li matul is-snin, kien hemm diversi talbiet minn kunsilli lokali oħrajn sabiex jiġu riveduti l-konfini tal-lokalitajiet tagħhom iżda ma setgħux jikkonfermaw jekk qatt kien hemm talbiet simili mil-leġislaturi differenti tal-Kunsill Lokali Floriana.

45.3.1.2. Hija żiedet tgħid li għalkemm baqgħet tisħaq li sindki preċedenti kienu talbu biex il-konfini jiġu riveduti, qatt ma kienet sabet korrispondenza li tinforza dan.

45.3.1.3. Is-Sindku qalet li l-Kummissjoni Elettorali kienu talbu lill-Kunsill sabiex jelenka raġunijiet, u jipprovdi provi li jkunu jistgħu isaħħu t-talba għar-reviżjoni.

45.3.2. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għat-tabella tal-lokalita li hemm ħdejn il-Monument tal-Gwerra u qal li din kienet ġiet imwaħħla f'post ħażin.

45.3.2.1. Il-Kunsillier JAE qal li din ma setgħetx tiġi mressqa minħabba li jekk titressaq kienet ser tostakola l-passaġġ tan-nies. Huwa qal li kien tkellem ma' Herbert Naudi li nformawh li diġà kien hemm ilmenti minn xi wħud li din kienet qed tostakola l-bankina.

45.3.2.2. Il-Viċi Sindku VB qal li din qegħda metri 'l ġewwa mill-konfini tal-Floriana. Huwa spjega kif jekk titwaħħal b'tali mod, din xorta waħda tkun viżibbli mingħajr ma tostakola l-passaġġ.

45.3.2.3. Il-Kunsill qabel li għandu jibgħat din il-proposta lis-Sur Herbert Naudi u jara jekk it-tabella tistax tiġi rilokata kif propost.

45.3.3. Il-Viċi Sindku VB għamel riferenza għat-tabella tal-lokalita li hemm max-xatt. Huwa qal li din ukoll għandha bżonn tiġi rilokata. Il-Kunsillier JAE qal li wisq probabbli, din it-tabella kienet twaħħlet hemmhekk minħabba l-kwistjoni tal-Valletta Waterfront. Il-Kunsill qabel li din għandha titressaq u titwaħħal fit-tarf tal-lokalita.

45.3.4. Il-Kunsillier JAE qal li t-tabella tal-lokalita tal-Ħamrun kienet ġiet imwaħħla fil-konfini tal-Floriana. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-Kunsill Lokali Ħamrun sabiex din tiġi rilokata.

45.3.5. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li l-għada 19 t'April 2018 fis-7pm, kienet ser tinżamm Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Floriana Basketball Club fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

## 45.4 Rapporti

45.4.1. Ma kien hemm l-ebda rapporti.

## 45.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

45.5.1. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk kienx possibbli li ssir tabella fi Triq San Publju biex il-vetturi ma jipparkjawx fuq il-bankina. Il-Kunsillier JAE qal li kien ġie avviċinat minn resident li kien għadu kif għamel tappiera ġdida u din kienet diġà ċediet bil-piż tal-vetturi li jipparkjaw fuqha.

45.5.1.1. Is-Sindku qalet li diġà kien hemm *Keep Clear* u *yellow lines* u xorta waħda jipparkjaw u qalet li tabella mhux ser twaqqaf lill-vetturi milli jipparkjaw b'dan il-mod. Hija qalet li din il-problema kienet tinqala mil-fatt li l-gwardjani lokali ma kienux qed iħarrku lil dawn il-vetturi.

45.5.1.2. Il-Kunsillier JAE qal li kien qed jipproponi din it-tabella sabiex il-Kunsill ikun għamel dak kollu possibbli biex jissalvagwardja l-liġi.

45.5.1.3. Il-Viċi Sindku VB qal li xorta waħda kienu ser jipparkjaw anke jekk ikun hemm tabella.

45.5.1.4. Il-Kunsillier JAE qal li l-bankina kienet baxxa ukoll u dan kien jiffaċilita iktar l-ipparkjar fuq il-bankina.

45.5.1.5. Is-Sindku DSH qalet li hi ma taqbilx li għandha titwaħħal tabella minħabba li dan kien ser joħloq preċedent u jkun hemm bżonn titwaħħal tabella f'kull triq.

45.5.1.6. Il-Viċi Sindku qal li għandhom ikunu l-gwardjani lokali li jagħmlu xogħolhom sew u jħarrku lil min jipparkja illegalment.

45.5.1.7. Il-Kunsillier JAE qal li qed iressaq din l-idea għax dan ir-resident għadu kif għamel tappiera tad-drenaġġ ġdida u din niżlet mill-ewwel għax ipparkjat vettura fuqha.

45.5.1.8. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill ma setax jagħmel sinjal quddiem kull bieb bi sprall jew tappiera.

45.5.1.9. Il-Kunsillier JAE enfasizza li l-Kunsill għandu jagħmel dak kollu possibbli biex il-liġi tiġi mħarsa. Huwa qal li l-gwardjani lokali m'humiex jagħtu riżultat u konsegwenza t'hekk, kienu qed imorru r-residenti minn taħt.

45.5.1.10. Is-Sindku DSH qalet li l-gwardjani lokali ma jħarrkux jekk m'hemmx *legal notice* biex wieħed ma jipparkjax fuq il-bankina.

45.5.1.11. Il-Kunsillier JAE staqsa kif setgħet tissolva din il-problema. Il-Kunsillier AGS qal li l-gwardjani lokali u l-Pulizija biss setgħu jieħdu azzjoni.

45.5.1.12. Il-Kunsillier AD issuġġerixxa li l-Kunsill jieħu ritratti ta' dan l-abbuż u jibgħathom lil-LESA sabiex tibda tittieħed azzjoni mill-gwardjani lokali. Il-Kunsill qabel.

45.5.2. Il-Kunsillier AD issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel pjattaforma fejn ikunu jistgħu ipoġġu l-anzjani matul iċ-ċelebrazzjonijiet tal-festa. Il-Kunsill qabel li dan ma kienx fir-remitu tiegħu u għalhekk qabel li dan is-suġġeriment jgħaddi lill-Arċipriet.

45.5.3. Il-Kunsillier JAE staqsa jekk residenti anzjani li ma jkollhom lil ħadd jiġi minnhom, humiex intitolati għal permess tal-iskema ta' parkeġġ residenzjali. Is-Sindku wieġbet li f'każ li ma jkunx hemm ulied, kull resident li għandu 'il fuq minn sittin sena huwa intitolat għall-permess wieħed li jista' jingħata lil kwalunkwe persuna li tieħu ħsiebhom.

## 45.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta' Kumitati u/jew Sottokumitati;

45.6.1. Ma kienx hemm rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sottokumitati.

## 45.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

45.7.1. Is-Sindku DSH ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 38/07 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

45.7.1.1. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Vincent Borg u ssekondata mill-Kunsillier James Aaron Ellul, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti imsemmija, bir-riżultat ikun favur nem con.

45.7.1.2. Is-Sindku ressqet proposta sabiex l-iskeda ta' pagamenti tkun tista' tingħalaq lejliet il-laqgħa u għalhekk invoices li jaslu dakinhar tal-laqgħa ma jiġux ikkunsidrati għal dik il-laqgħa, u dan biex jiġi faċilitat l-operat tal-uffiċċju. Il-Kunsill qabel.

45.7.1.3. Is-SE informat li l-pagamenti kienu ser jibdew jinħarġu bis-sistema l-ġdida fejn iċ-ċekkijiet jiġu pprintjati. Hija proponiet li ċ-ċekkijiet bin-numru 14660 sa 14700 ma jiġux ikkanċellati iżda jinżammu biex jintużaw f'każ t'emerġenzi fejn il-pagamenti jkollhom jinħarġu manwalment.

**45.8 MOZZJONIJIET;**

45.8.1. Ma kien hemm l-ebda mozzjonijiet.

**45.9 OFFERTI PUBBLIĊI;**

45.9.1. Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali dwar l-aġġudikazzjoni tat-tenders. Huma nformaw lill-kunsilli lokali bil-proposta mressqa minnhom quddiem id-Dipartiment għall-Gvern Lokali sabiex jitwaqqaf *pool* ta' esperti li jkunu jistgħu jaġġudikaw it-tenders skont il-kundizzjonijiet-il ġodda proposti. L-Assoċjazzjoni nformat li sa dakinhar kien għad m'hemm l-ebda risposta mid-Dipartiment u għalhekk taw struzzjoni lill-kunsilli biex ikomplu jaħdmu bil-mod kif kienu jaħdmu qabel ma daħlu in effett dawn il-kundizzjonijiet ġodda. Il-Kunsill qabel li għandu jistenna l-eżitu ta' din il-proposta u jkompli bl-operat tiegħu bħalma kien qabel, hekk kif propost mill-Assoċjazzjoni. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jaħtar bord b'mod proviżorju għall-evalwazzjoni tat-tender tat-tindif tat-toroq, fejn ic-chairperson tkun is-Sindku DSH, u l-membri jkunu il-Viċi Sindku VB, il-Kunsillier AD u l-Kunsillier JAE. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jitqabbad espert li għandha tkun l-accountant jew is-Sur Kenneth Brincat.

45.9.2. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għax-xogħol li qed isir maġenb il-Grand Hotel Excelsior u talab lill-Kunsill sabiex jitlob li jibda jkun informat meta jkun ser jibda xi xogħol. Is-Sindku DSH qalet li kienu nformaw li kien ser isir dan ix-xogħol. Il-Kunsillier JAE qal li hemm bżonn li l-Kunsill ikun jaf meta jkun ser jibda xi xogħol u dan biex jiffaċilita l-impenn tal-Kunsill mas-soċjetà u jkun jista' jagħti tweġiba preċiża.

**45.10 KORRISPONDENZA**

45.10.1. **STEDINA MILL-PATRIJIET AGOSTINJANI TAL-BELT VALLETTA**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Patrijiet Agostinjani tal-Belt Valletta fejn stiednu lill-Kunsill għall-mawra fil-Kunvent u nformaw li min kien interessat setta jagħmel kuntatt ma' Fr Alex Cauchi.

45.10.2. **PROĠETT – BEE HIVE**

Is-Sindku ressqet korrispondenza mingħand Jorge Spiteri fejn ressaq proposta dwar proġett li jinvolvi l-*honey bees*. Huwa propona li ssir *bee hive* f'wieħed mil-ġonna tal-Floriana. Is-Sur Spiteri semma Ġnien San Filippu bħala suġġeriment. Il-Kunsill qabel li għandu jinformah li Ġnien San Filippu ma kienx jaqa taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill u għalhekk qabel li għandu jitolbu jissuġġerixxi post alternattiv. Il-Kunsill qabel ukoll li għandu jipproponi Ġnien Sa Maison li għalkemm ma jaqax taħt ir-responsabbilta tal-Kunsill, kien post adattat għal dan il-proġett.

45.10.3. **TALBA MINN EMOTION EVENTS**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza Emotion Events sabiex tittella' *team-building activity* fuq il-Fosos nhar il-Ħamis 10 ta' Mejju 2018. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jkunu implimentati r-regolamenti tas-soltu.

45.10.4. **PREMJU GĦALL-APPOĠĠ GĦAL INTRAPRIŻI ŻGĦAR**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza dwar premju għall-appoġġ għal intrapriżi żgħar. Is-Sindku nformat lill-Kunsill li n-nominazzjonijiet kienu jagħlqu nhar is-27 t'April 2018. Il-Viċi Sindku VB issuġġerixxa li jiġu nnominati

l-MSV Life. Is-Sindku qalet li mhux ċerta jekk setgħux jiġu nnominati u talbet li l-korrispondenza tiġi ċirkolata lill-kunsilliera. Is-SE informat li din kienet diġà ġiet iċċirkolata qabel il-laqgħa.

45.10.5. **Vegan Festival**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-organizzaturi tal-Vegan Festival fejn informaw lill-Kunsill li l-attività kienet ser tittella' bejn il-5 u s-6 t'Awwissu 2018. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

45.10.6. **Talba mill-Fondazzjoni u Xandir Soċjo-Reliġjuż**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand Fondazzjoni u Xandir Soċjo-Reliġjuż li nformaw li kienu xandru il-filmat tal-festa kollha fuq Xejk TV inkluż il-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Il-Fondazzjoni offrew lill-Kunsill sabiex jidħol f'kollaborazzjoni magħhom f'dan ix-xandir għall-ammont ta' €200. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

45.10.7. **Presentation Night**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-Floriana Ajax fejn offrew lill-Kunsill sabiex jorganizza Presentation night b'mod konġunt. Il-Kunsill qabel li jorganizza din l-attività b'mod konġunt bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €450.

**Nota: 18:01 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**

45.10.8. **National Hearing Screening Test**

Il-Viċi Sindku VB informa lill-Kunsill li flimkien mas-SE, kien iltaqa' mal-kumpanija OK Medical rigward proposta għal *National Hearing Screening test.* Il-Viċi Sindku informa li huma kienu qed joffru li jagħmlu *Screening tests* b'xejn lir-residenti u talbu lill-Kunsill sabiex jipprovdilhom xi kmamar fil-bini tal-Kunsill. Il-Viċi Sindku VB qal li jekk ikun hemm qbil, it-tests jibdew isiru għall-bidu ta' Lulju. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

**Nota: 18:04 Is-Sindku DSH reġgħet irritornat għall-laqgħa.**

45.10.9. **Skema – Manutenzjoni tal-komuni fil-bini tal-Gvern**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-Awtorità tad-Djar fejn informaw li ser tinfetaħ skema ta' manutenzjoni tal-komun fil-bini tal-Gvern. Huma nformaw li l-blokok li japplikaw irid ikollhom amministratur.

45.10.10. **Malta Pride 2018**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mill-Malta Pride 2018 fejn talbu laqgħa biex tiġi diskussa l-possibbiltà biex jiġi estiż l-LGBT Pride March li jibda mill-Floriana u jkompli għall-Belt Valletta. Tali marċ għandu jsir nhar il-15 ta' Settembru 2018. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-attività ma taħbatx mal-festi tal-Indipendenza.

45.10.11. **Talba mill-kuntrattur tal-Clothes Bank**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand il-persuna li għandu l-*clothes bank* fil-lokalita fejn ressaq draft ta' kuntratt li għandu jiġi ffirmat bejnu u bejn il-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li l-klawsola li din titbattal darba f'ġimgħa tiġi emendata għal "skont il-ħtieġa imma tal-anqas darba f'ġimgħa".

Is-Sindku DSH qalet li kien hemm ukoll talbiet minn kuntratturi differenti sabiex tiġi nstallata *clothes bank* oħra. Il-Kunsill ma qabilx li kien hemm bżonn *clothes bank* oħra.

45.10.12. **Esebizzjoni dwar l-Għolja Sciberras**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand is-Sur Jonathan Vella sabiex tittella' esebizzjoni dwar l-Għolja Sciberras, fid-Dar tal-Kunsill mis-16 sad-19 ta' Mejju 2018 . Il-Kunsill ma qabilx minħabba li tali esebizzjoni ma kellix x'taqsam mal-lokalita. Il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerixxi lis-Sur Vella biex tali esebizzjoni tinżamm fil-Kunsill tal-Belt Valletta.

45.10.13. **Korrispondenza mill-Avukat tal-Kunsill**

Is-Sindku DSH ressqet korrispondenza mingħand l-Avukat tal-Kunsill dwar il-pajp tal-*airconditioning unit* li twaħħal fil-bitħa tal-Kunsill mingħajr permess. Huwa ssuġġerixxa li jkun hemm talba sabiex dan il-pajp jitneħħa u dan biex ma jinħoloqx preċedent ma' residenzi oħra li jmissu mad-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma qabilx minħabba li jħoss li l-pajp twaħħal fil-ġenb, mal-appoġġ. Il-Kunsill qabel li minflok għandha tintbagħat ittra lir-resident ikkonċernat sabiex tinġibed l-attenzjoni biex fil-futur jieħu ħsieb li jintalab permess qabel ma jipproċedi.

**45.11** **Struttura t' Osservazzjoni**

45.11.1. Is-Sindku qalet li kienet inzammet laqgħa mas-Sur Liam Mangion dwar il-proġett propost tal-*Ferris Wheel* fuq il-Fosos. Hija talbet lill-Kunsilliera għall-kummenti tagħhom.

45.11.2. Il-Viċi-Sindku VB qal li għalkemm iħoss li kienet proposta tajba, jaħseb li din se tfixkel l-estetika tal-Knisja minn postijiet bħalma huma l-ġonna ta' Hastings u mis-Central Bank.

45.11.3. Il-Viċi Sindku VB qal li din tista' tiġi nstallata wkoll bil-maqlub minn kif propost u b'dan il-mod, ma ttellifx il-faċċata tal-Knisja filwaqt li xorta jkun hemm il-veduti mixtieqa.

45.11.4. Il-Kunsillier AGS qal li jekk titwaħħal bil-maqlub, kienet ser tagħlaq l-entratura tal-parkeġġ. Il-Viċi Sindku VB qal li mhux neċessarjament tingħalaq l-entratura, iżda kienu ser jintilfu iktar spazji ta' parkeġġ.

45.11.5. Il-Kunsillier AD qal li jekk iddur b'dan il-mod kien ikun aħjar għall-irjieħat kif ukoll viżwalment. Huwa qal ukoll li din l-istruttura diġà kienet imperrċa bejn żewġ inħawi, ie bejn il-parkeġġ tal-MCP u l-Fosos.

45.11.6. Il-Kunsillier JAE qal li wieħed irid jikkunsidra t-turiżmu li se tiġġenera tali attrazzjoni. Huwa qal li kien hemm ħafna inċentivi għar-residenti kif imsemmi fil-laqgħa li nżammet mas-Sur Mangion. Il-Kunsillier JAE qal li fl-istess ħin, il-punti mqajjma mill-Kunsillieri dwar sigurtà u estetika, kienu validissimi u kien għalhekk li kellu *mixed emotions* fuq dan il-proġett.

45.11.7. Il-Kunsillier AGS qal li jixtieq li l-lokalita tkun esposta aktar għat-turiżmu minħabba li t-turisti ġeneralment jaqbżu lil-lokalita. Huwa qal li minn fuq din l-istruttura wieħed kien ser ikun jista' jara nofs Malta kif ukoll iż-żewġ portijiet tal-pajjiż.

45.11.8. Is-Sindku DSH semmiet ukoll l-attivitajiet li jsiru fuq il-Fosos bħalma hu l-Festival Nazzjonali tal-Logħob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat. Hija qalet li żgur irid isir studju dwar jekk il-parkeġġ jiflaħx għall-piż ta' din l-istruttura.

45.11.9. Il-Kunsillier AD qal li ser ikun hemm bżonn ukoll li ssir *sub station* biex tagħti d-dawl lil din l-istruttura, dment li ma jintlaħaqx ftehim bejn il-kuntrattur u l-MCP.

45.11.10. Is-Sindku DSH ressqet ukoll quddiem il-Kunsill il-*feedback* mogħti mill-konsulenti tal-Kunsill għall-applikazzjonijiet quddiem l-Awtorità tal-Ippjanar.

45.11.11. Wara li l-Kunsill iddiskuta din il-proposta, is-Sindku DSH ipproponiet li l-Kunsill jorganizza laqgħa informattivi għar-residenti, b'mod urġenti li għaliha jkun mistieden ukoll is-Sur Liam Mangion. Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tinżamm nhar it-Tnejn 23 t'April 2018 fis-7.00pm.

45.11.12. Il-Kunsill qabel li għandha tinżamm laqgħa straordinarja tal-Kunsill nhar l-Erbgħa 25 t'April 2018 fl-4.00pm.

**Nota: 18:43 Is-Sindku DSH talbet li tkun skużata.**

## 45.12 1ST QUARTERLY FINANCIAL STATEMENTS

45.12.1. Is-SE spjegat li l-Kunsill kien irċieva l-flus mill-MTA dwar l-Isle of MTV tal-2016. Hija nformat ukoll li d-Dipartiment għall-Kunsilli Lokali kien ħallas ukoll is-somma ta' €5405.35 f'tipping fees lill-Wasteserv.

45.12.2. Is-SE informat ukoll li l-FSI kien ta' 56% u li matul dan il-perjodu kienu saru spejjeż kapitali relatati mal-culvert ta' Triq San Publju.

**Nota: 18:45 Is-Sindku DSH irritornat lura għal-laqgħa.**

45.12.3. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier AD u ssekondata mill-Viċi Sindku VB, ir-rapport tal-ewwel kwart ġie approvat mill-Kunsill b'mod unanimu.

45.12.4. Is-SE ressqet ukoll għall-approvazzjoni tal-Kunsill l-ittra mibgħuta mill-awdituri li għandha tiġi approvata u eventwalment iffirmata mis-Sindku u mis-SE. Il-Kunsill qabel.

## 45.13 TIĠDID TA' KUNTRATT TA' IMPJEGAT TAL-KUNSILL

45.13.1. Is-Sindku DSH qalet li l-kuntratt ta' waħda mill-impjegati part-time tal-Kunsill kien wasal biex jiskadi u għalhekk kien hemm bżonn li jerġa jiġġedded.

45.13.2. Il-Kunsill qabel li l-kuntratt għandu jerġa jiġġedded bil-kundizzjonijiet eżistenti.

## 45.14 PROĠETT TAL-ĠNIEN RE GEORGE V

45.14.1. Is-Sindku DSH qalet li tinsab iddiżappuntata bis-servizz mogħti mill-Perit tal-Kunsill fejn ħafna mill-korrispondenza mibgħuta tibqa mhux imwieġba. Hija qalet li proġetti bħalma hu dak tal-KGV għandhom jiġu kkunsidrati urġenti.

45.14.2. Is-SE qalet li tinsab inkwetata dwar il-fondi allokati lill-Kunsill u tħoss li hemm bżonn li dawn jiġu utilizzati qabel ma jiskadu. Hija qalet li kienet diġà kitbet sabiex tikkonferma l-eliġibbilta' tagħhom.

45.14.3. Il-Kunsillier JAE qal li ser jipprova jkellem lill-Perit huwa stess sabiex ifakkru fl-urġenza tal-proġetti.

45.14.4. Il-Kunsillier JAE informa lill-Kunsill li kien qed jirċievi ilmenti rigward is-soft area fi Pjazza Robert Samut u qal li qed jitħalla ħafna ħmieġ. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lill-kuntrattur sabiex din iż-żona titnaddaf.

45.14.5. Il-Kunsillier JAE qal ukoll li hemm art diżlivelatta bejn is-saqaf tal-Young Falcons u s-salib li hemm maġenb il-*Health Centre*. Il-Kunsill qabel li l-Viċi Sindku għandu jmur fuq iż-żona sabiex jara x'jista' jsir.

45.14.6. Il-Kunsillier JAE preżenta fuljett li tqassam fil-Belt Valletta li jinforma lir-residenti b'multi ġodda għal min joħroġ l-iskart tard jew kmieni u staqsa jekk din l-inizjattiva tistax tiġi estiża għall-Floriana wkoll.

45.14.6.1. Is-Sindku qalet li kienet tkellmet mas-Segretarju Parlamentari Deo Debattista u kien informaha li għalissa dan il-proġett kien qed jitnieda biss fil-Belt Valletta u eventwalment jiġi estiż għall-Floriana.

45.14.6.2. Il-Kunsillier JAE qal li jaħseb li din l-inizjattiva, għalkemm tajba ħafna, jaf ikollha impatt negattiv fuq il-lokalita minħabba li ħafna problemi li jitwarrbu mill-Belt, ġeneralment jiġu fil-Floriana. Hu qal li diġà kien hemm numru ta' persuni li jġibu l-iskart magħhom u jarmuh fil-lokalita.

45.14.6.3. Is-Sindku qalet li l-proġett għalissa kien wieħed olistiku u ser jitniedi fil-lokalitajiet gradwalment.

## 45.15 JUM IL-FLORIANA

45.15.1. Is-Sindku DSH qalet li din l-edizzjoni ta' Jum il-Floriana kienet waħda ta' suċċess.

45.15.2. Il-Kunsillier JAE qal li jixtieq li fl-edizzjonijiet li jmiss, ikun hemm xi ħadd tekniku u professjonali li jieħu ħsieb is-sawnd, eċċ. Il-Kunsill qabel.

45.15.3. Il-Kunsillier JAE qal li kien hemm ukoll problema bil-projector u għalhekk propona li l-Kunsill jara x'kienet il-problema tal-projector u f'każ li ma jissewwiex, allura l-Kunsill għandu jieħu ħsieb jara li jinxtara wieħed.

45.15.4. Il-Kunsillier AGS staqsa dwar jekk kienx hemm xi żviluppi dwar it-tender tal-gabbana tal-KGV. Is-SE spjegat dak li kienu qalulha d-Dipartiment tal-Kuntratti. Is-Sindku qalet ukoll li kienu talbu li l-kuntratt jingħata għal mill-inqas erba' snin sabiex l-offerent ikun jista' jġib lura dak li nvesta a parti tiegħu.

45.15.5. Il-Kunsillier AGS talab lill-Kunsill sabiex jikteb lill-Ministru Farrugia dwar il-materja tas-swar tal-Floriana. Il-Kunsill qabel.

## 45.16 FESTIVAL NAZZJONALI TAN-NAR TAL-ART MEKKANIZZAT

45.16.1. Is-Sindku qalet li din l-edizzjoni tal-Festival kienet ta' suċċess. Il-Kunsillier JAE qal li jħoss li kull sena, il-wirja dejjem tkun aħjar u li x-xogħol espost kien qed jitjieb.

45.16.2. Is-SE qalet li x-xogħol esibit minn ċertu kmamar ma kienx *up to standard.* Is-Sindku qalet li kien hemm bżonn li tiżdied kundizzjoni fil-kuntratt li kull kamra tan-nar li tipparteċipa għandha tagħti l-aħjar tagħha sabiex il-livell ikun wieħed għoli u kompetittiv.

45.16.3. Il-Kunsillier JAE għamel riferenza għall-proposta mressqa minnu biex ir-rebbieħ tal-edizzjoni jingħata l-opportunita li jaħdem l-għeluq tal-edizzjoni li jkun imiss. Il-Kunsill qabel li din il-proposta għandha tiġi diskussa iktar tard.

45.16.4. Il-Kunsillier JAE qal li t-trophy l-ġdid kien sabiħ ħafna u ntlaqa tajjeb ħafna.

## 45.17 ISLE OF MTV

45.17.1. Is-Sindku DSH qalet li l-edizzjoni tal-Isle of MTV kienet ser tinżamm nhar is-27 ta' Ġunju 2018 u kienu diġà bdew id-diskussjonijiet dwar din l-attività. Is-Sindku qalet li l-Kunsill kien talab lir-residenti jiġu offruti parkeġġ fl-MCP u jidher li ma kienx ser ikun hemm oġġezzjoni.

45.17.2. Is-Sindku DSH qalet li kienet kitbet ukoll dwar is-CSR u jekk hux ser jingħataw xi fondi mill-organizzaturi. Hija qalet li għalkemm ma kienx hemm risposta uffiċjali jidher li kien hemm xi fondi allokati għal dan.

45.17.3. Is-Sindku nformat ukoll li s-*sound checks* ma kienux ser isiru waqt il-ħinijiet tal-iskola u li kienu ser isiru b'tali mod li ma jtellfux lill-istudenti waqt l-eżamijiet.

45.17.4. Hija qalet ukoll li kienet tkellmet magħhom dwar il-kwistjoni tal-biljetti. Hija qalet li l-biljetti kienu għall-kulħadd u min ma jkunx qata' biljett, ser ikun hemm ticket booths biex xorta n-nies jitħallew jidħlu.

45.17.5. Is-Sindku qalet ukoll li kienet talbet cards għall-Kunsillieri u għall-istaff li jkun xogħol dakinhar sabiex ikollhom aċċess.

45.17.6. Il-Kunsillier AD staqsa x'ser jiġri mill-arbli ta' fuq il-Fosos u fakkar li din is-sena dawn kien ser ikollhom is-*supply.* Huwa qal li jekk ikunu ser jinqalgħu, l-organizzaturi jridu jikkuntattjaw lill-Enemalta sabiex jiskonnettjaw is-*supply* qabel ma jinqalgħu.

45.17.7. Is-Sindku DSH qalet li dakinhar tal-attività u l-ġurnata ta' qabel, il-lokalita ser tkun aċċessibbli għar-residenti biss u vetturi oħra mhux ser jitħallew jidħlu.

45.17.8. Il-Kunsillier JAE talab li l-Kunsill jesiġi mal-Pulizija li l-vetturi tar-residenti jitħallew jgħaddu għal djarhom sabiex ma jerġax ikun hemm problemi bħas-sena ta' qabel.

## 45.18 JUM IT-TWELID TAL-FLORIANA

45.18.1. Is-Sindku DSH qalet li l-Kunsill kien bat korrispondenza lis-Soċjetà tal-Istorja u l-Kultura fejn staqsa dwar kif ser jinħadem l-avveniment, eċċ. Is-Sindku qalet li sa dakinhar kien għad m'hemmx risposta.

45.18.2. Hija qalet li l-Kunsill kien ser jibqa' jinsisti li t-titolu ta din l-attività kellu jkun totalment tal-Kunsill Lokali.

## 45.19 ĠONNA BINJA VILHENA

45.19.1. Is-Sindku DSH informat li bħalissa kien għaddej ix-xogħol fuq Ġnien Binja Vilhena mill-kuntrattur u qalet li kienet ser tintefa l-applikazzjoni sabiex jiġi nstallat meter ġdid. Hija qalet li l-proġett kien ser jinqasam f'żewġ fażijiet.

45.19.2. Is-Sindku DSH qalet li kienet ġiet informata bix-xogħol diżappuntanti li kien hemm fil-Ġnien. Hija qalet li x-xogħol kien sar ta' kafkaf mingħajr ma ttieħdet azzjoni biex ikun hemm is-sigurtà meħtieġa.

## 45.20 JUM IL-ĦADDIEM

45.20.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsill li ċ-ċelebrazzjonijiet ta' Jum il-Ħaddiem kienu ser isiru fi Pjazza Tritoni. Hija qalet li dik il-ġimgħa, il-Kunsill kien ħa l-lista tal-applikazzjonijiet għall-kiosks u qalet ukoll li l-permessi kienu ser joħorġu l-għada. Hija żiedet tgħid li t-tindif kien ser isir mill-organizzaturi.

45.20.2. Il-Kunsillier JAE qal li qed isiru diversi attivitajiet fi Pjazza Tritoni u għalkemm l-inċentiv ikun dejjem lejn il-Belt Valletta, il-problemi tassorbihom il-lokalita tal-Floriana. Is-Sindku qalet li kien hemm diskussjonijiet fuq dan l-aspett mill-Ministeru.

45.20.3. Il-Kunsillier JAE qal li kien irċieva ilmenti minn residenti dwar l-istorbju li kien hemm lejliet il-polza tal-permessi. Is-SE qalet li ma kienx hemm iktar minn għaxar persuni. Is-Sindku qalet li r-residenti setgħu iċemplu lill-Pulizija u jilmentaw dwar l-istorbju.

45.20.3.1. Il-Kunsillier JAE propona li f'każijiet bħal dawn, il-Kunsill għandu jikkunsidra li jġib mobile toilet minħabba li kien hemm rapporti li wħud mill-applikanti kienu għamlu l-bżonnijiet tagħhom barra. Is-Sindku qalet li ma taqbilx ma' din il-proposta u dan minħabba li tali deċiżjoni kienet ser tagħti iktar inċentiv lin-nies sabiex jikkjuwjaw barra.

## 45.21 Kunċert ta' Joseph Calleja

45.21.1. Is-Sindku DSH informat lill-Kunsilli li kienet ser titlob laqgħa ma' NNG Promotions u li għandha tinforma lill-kunsillieri bid-data u l-ħin tal-laqgħa.

## 45.22 EMOTO – Malta

45.22.1. Is-SE informat lill-Kunsill b'korrispondenza mibgħuta llum fejn il-proposta mressqa kienet totalment differenti mill-proposta oriġinali mressqa xi ftit tal-ġimgħat qabel.

45.22.2. Is-SE qalet li huma kienu qed jipproponu żewġ siti għal Electrical Bike Racks, waħda viċin it-terminal tal-Valletta Waterfront u l-oħra fil-Park n' Ride. Il-Kunsill qabel li għandu jirreferihom lill-VISET u lill-Transport Malta minħabba li l-ebda waħda minn dawn iż-żewġ siti ma kienu jaqgħu taħt ir-remitu tal-Kunsill.

## 45.23 Tmiem il-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

45.23.1. Il-laqgħa intemmet fis-7.30pm u ġiet aġġornata għal nhar il-Erbgħa 16 ta' Mejju fil-5.00pm.

**Konfermati, illum16 ta' Mejju 2018**

| | |
|---|---|
| Firmata | Firmata |
| Davina Sammut Hili | M'Lourdes Lautier |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |